Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2024/2019(DEC)

30.1.2025

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023, Taqsima III – Il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi
(2024/2019(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Michael Gahler

PA_NonLegDec

OPINJONI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora dan li ġej fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jindika l-isfidi bla preċedent fl-ambjent globali, il-paċi u l-instabbiltà ġeopolitika fis-sena attwali ta' awditjar; jitlob għalhekk li tissaħħaħ il-koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni u s-SEAE, b'mod partikolari minħabba n-nuqqas ta' baġit operattiv tas-SEAE; ifakkar li, sa mill-invażjoni fuq skala kbira tal-Ukrajna mir-Russja, l-UE pprovdiet appoġġ ekonomiku, umanitarju u militari b'valur ta' aktar minn EUR 88 biljun lill-Ukrajna; jenfasizza l-ħtieġa ta' żieda malajr u sostanzjali fl-appoġġ mogħti lill-Ukrajna u, fid-dawl tal-proċess ta' paċi potenzjali fl-2025, l-importanza kontinwa tal-għoti ta' appoġġ militari lill-Ukrajna u tat-tħejjija biex tingħata assistenza fir-rikostruzzjoni tal-pajjiż;

2. Iħeġġeġ il-mobilizzazzjoni ulterjuri tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi sabiex jiġu indirizzati l-isfidi urġenti għas-sigurtà li jirriżultaw mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u t-theddid ibridu li qed tiffaċċja bħalissa l-Moldova; jenfasizza l-ħtieġa li jingħata appoġġ komprensiv sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza, jissaħħu l-kapaċitajiet ta' difiża, u jiġu miġġielda l-azzjonijiet destabbilizzanti fiż-żewġ kuntesti;

3. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li r-restituzzjoni sħiħa tat-Teżor Nazzjonali Rumen u tal-wirt nazzjonali ta' bosta Stati Membri oħra tkun fuq l-aġenda ta' kwalunkwe azzjoni futura potenzjali fir-rigward tal-Federazzjoni Russa;

4. Jissottolinja li n-nefqa taħt l-intestatura 4 "Ewropa Globali" hija meqjusa ta' riskju għoli, ħlief għall-pagamenti relatati mal-appoġġ baġitarju u n-nefqa amministrattiva, li jirrappreżentaw madwar 20 %; jinnota li l-biċċa l-kbira tal-iżbalji li nstabu f'dan il-qasam jikkonċernaw in-nefqa mhux imġarrba, l-ispejjeż ineliġibbli u n-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku;

5. Jisħaq li l-baġit tal-Unjoni jrid ikompli jipprovdi appoġġ għall-bini tal-paċi u l-istabbiltà fir-reġjun tal-Lvant Nofsani, għall-ġlieda kontra l-mibegħda, il-fundamentaliżmu u d-diżinformazzjoni kif ukoll għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, għall-ġlieda kontra l-impunità u għat-tisħiħ tal-konformità mal-istat tad-dritt, inkluż mas-sentenzi tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) u l-Opinjonijiet Konsultattivi tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja (QIĠ); jenfasizza li, għaldaqstant, il-baġits tal-UE ma jridu jappoġġjaw, taħt l-ebda ċirkostanza, attivitajiet li jaħdmu kontra dawk l-objettivi; jinnota li, wara l-attakki terroristiċi atroċi mill-Ħamas tas-7 ta' Ottubru 2023 u l-allegazzjonijiet ta' użu ħażin tal-fondi tal-UE għat-terroriżmu, rieżami tal-finanzjament imwettaq mill-Kummissjoni kkonkluda li, sal-lum, ma nstabet l-ebda evidenza li l-flus ġew iddevjati għal skopijiet mhux intenzjonati u li s-salvagwardji eżistenti fis-seħħ jaħdmu tajjeb minkejja li ċerti miżuri addizzjonali tqiesu meħtieġa; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-fondi tal-UE jiġu allokati u ġestiti b'mod effettiv sabiex jintlaħqu l-għanijiet maħsuba tagħhom; ifakkar fil-kwistjoni li għaddejja bħalissa tal-qerda ta' proġetti ffinanzjati mill-UE f'Gaża u fix-Xatt tal-Punent u jitlob għal obbligu ta' rendikont u salvagwardji akbar f'dan il-kuntest;

6. Iħeġġeġ l-iżborż sħiħ tal-impenji finanzjarji kollha lejn l-UNRWA; ifakkar li l-UNRWA hija l-istruttura prinċipali ta' assistenza umanitarja f'Gaża u fix-Xatt tal-

Punent, kif ukoll fornitur ta' servizzi essenzjali fir-reġjun; jisħaq fuq l-importanza tal-linja baġitarja tal-Viċinat tan-Nofsinhar fl-appoġġ tar-riformi politiċi, ekonomiċi u soċjali fir-reġjun, b'kont meħud tal-ħtiġijiet umanitarji li qed jiżdiedu kif ukoll skopijiet oħra ta' kooperazzjoni reġjonali fl-għoti ta' assistenza lir-rifuġjati, b'mod partikolari lir-rifuġjati Sirjani u Palestinjani;

7. Jenfasizza l-ħtieġa li l-UE żżid l-appoġġ finanzjarju u politiku sabiex issaħħaħ il-kapaċità operazzjonali u tiżgura l-indipendenza tal-Qorti Kriminali Internazzjonali fil-qafas tal-"Ftehim bejn il-Qorti Kriminali Internazzjonali u l-Unjoni Ewropea dwar kooperazzjoni u assistenza", li jistabbilixxi l-impenn għall-ġustizzja internazzjonali u l-ġlieda kontra l-impunità.

8. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza bir-reqqa r-rakkomandazzjonijiet imsemmija fir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar il-programmazzjoni tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali; jenfasizza l-ħtieġa li tittejjeb il-metodoloġija għall-allokazzjoni tal-fondi lill-pajjiżi tal-Viċinat, li jiġi żgurat aċċess f'waqtu għad-dokumenti essenzjali meħtieġa għall-awditi, li jiġu ssimplifikati l-oqfsa proċedurali, u li tiġi ċċarata l-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-impatt tal-appoġġ tal-UE[1];

9. Jissottolinja s-sitwazzjoni estremament vulnerabbli tat-tfal fid-dinja, speċifikament f'kunflitti armati; jesprimi tħassib serju dwar l-għexieren ta' eluf ta' tfal li ntlaqtu minn kunflitti armati madwar id-dinja u li sofrew abbużi u ksur aborrenti tal-aktar drittijiet bażiċi tagħhom fl-2023; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tqiegħed id-drittijiet tat-tfal fuq quddiem nett tal-aġenda tal-affarijiet barranin;

10. Jinsab imħasseb ħafna dwar il-proposta għal ristrutturar radikali tal-preżenza tal-UE barra mill-pajjiż permezz ta' tnaqqis drastiku fl-għadd tal-persunal tad-Delegazzjonijiet tal-UE, fil-kuntest tar-restrizzjonijiet baġitarji msemmija hawn fuq; jinnota li, jekk jiġi approvat, il-pjan se jkollu impatt negattiv fuq l-effettività tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) – Ewropa Globali;

11. Jikkontesta l-użu ta' proċedura bil-miktub urġenti mill-Kummissjoni Ewropea għall-adozzjoni tal-Miżura Speċjali favur it-Tuneżija għall-2023, bħala parti mill-implimentazzjoni tal-Memorandum ta' Qbil ikkontestat, iffirmat mat-Tuneżija fl-2023, hekk kif injorat ir-rwol tal-PE u kisret ir-Regolament (UE) 2021/947 NDICI-Ewropa Globali, ir-regolament finanzjarju u l-Ftehim bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni tal-10 ta' Ġunju 2008 dwar il-proċeduri għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni, kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE; ifakkar li delegazzjoni mill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin ma tħallietx tidħol fit-Tuneżija fit-13 ta' Settembru 2023, u b'hekk il-kapaċità tal-Parlament li jeżerċita s-setgħat ta' skrutinju tiegħu ġiet ristretta; iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea u lis-SEAE jieħdu l-inizjattivi kollha meħtieġa fil-konfront tal-awtoritajiet Tuneżini sabiex il-Parlament Ewropew ikun jista' jeżerċita d-dmirijiet legali tiegħu;

12. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-approċċ ibbażat fuq il-kundizzjonalità tal-istat tad-

[1]https://www.eca.europa.eu/ECAPublications/SR-2023-14/SR-2023-14_MT.pdf

dritt tal-finanzjament tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) III sabiex dan l-istrument jaqdi l-għan tiegħu li jħejji b'mod effettiv lill-pajjiżi kandidati għall-adeżjoni biex jissodisfaw il-kundizzjonijiet ħalli jsiru Stati Membri tal-UE; itenni t-talbiet tiegħu lill-Kummissjoni biex timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali 01/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, sabiex tiżgura impatt effettiv tal-assistenza finanzjarja mill-UE fuq l-istat tad-dritt fil-Balkani tal-Punent, b'mod partikolari billi tiżviluppa linji gwida fir-rigward tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-IPA III li jikkonċernaw il-modulazzjoni u l-kundizzjonalità;

13. Ifakkar fis-sitwazzjoni mwiegħra tad-drittijiet tan-nisa u tad-drittijiet tal-persuni LGBTQI+ f'ħafna bnadi tad-dinja; jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li dawn id-drittijiet jiġu protetti aħjar u li jiġi żgurat li l-fondi u l-politiki tal-UE jippromwovu b'mod attiv l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, jiġġieldu d-diskriminazzjoni, u jiddefendu d-drittijiet tal-individwi LGBTQI +;

14. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-Awtorità Palestinjana tneħħi minnufih il-materjali u l-kontenut edukattivi kollha li ma jikkonformawx mal-istandards tal-UNESCO, b'mod partikolari dawk li jippromwovu l-anti-Semitiżmu, l-inċitament għall-vjolenza, id-diskors ta' mibegħda, u l-glorifikazzjoni tat-terroriżmu.

15. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-konklużjonijiet tar-rapport speċjali bit-titolu "Il-fond fiduċjarju tal-UE għall-Afrika: minkejja approċċi ġodda, l-appoġġ baqa' mingħajr fokus", li jenfasizza li l-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-Unjoni Ewropea għall-Afrika ma jiffukax biżżejjed fuq il-prijoritajiet ewlenin biex jiġu indirizzati l-kawżi profondi tal-instabbiltà, l-ispostament u l-migrazzjoni irregolari u, fuq kollox, jinnota bi tħassib serju li r-riskji għad-drittijiet tal-bniedem ma ġewx indirizzati b'mod komprensiv. Ifakkar lill-Kummissjoni Ewropea fit-tħassib tal-PE dwar l-allegat ksur tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-qafas tal-ġestjoni tal-migrazzjoni u dwar ir-rieda tal-Kummissjoni Ewropea li testernalizza l-ġestjoni tal-fruntieri esterni tagħha lil pajjiżi ġirien, bħat-Tuneżija jew il-Libja.

16. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi mekkaniżmu ta' obbligu ta' rendikont ċar u trasparenti għall-implimentazzjoni tal-istrateġija Global Gateway u tagħti ġustifikazzjoni ċara b'rabta mal-użu tal-finanzjament għall-iżvilupp għall-proġetti kklassifikati taħt il-marka tal-istrateġija Global Gateway u l-benefiċċji ugwali tiegħu għas-settur pubbliku u dak privat tal-pajjiżi riċevituri;

17. Jirrikonoxxi d-diversi rwoli li jiżvolġu l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; ifakkar fl-impenn tal-UE li tappoġġja lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-istrumenti u l-programmi esterni kollha u fl-oqsma kollha ta' kooperazzjoni, inkluż permezz ta' approċċ flessibbli u mfassal apposta għall-finanzjament sabiex jintlaħqu t-tipi kollha ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; jistieden lill-Kummissjoni tinvolvi lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili b'mod aktar sistematiku fl-inizjattivi Global Gateway u Tim Ewropa;

18. Iqis il-missjoni ta' osservazzjoni elettorali bħala strument prattiku u effettiv tal-politika barranija li jibqa' ċentrali għall-politiki u l-istrateġiji tal-UE ta' appoġġ għad-demokrazija; jistieden lill-UE tiżgura riżorsi adegwati għall-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali tal-UE, bil-ħsieb ukoll li testendihom għall-elezzjonijiet fil-

pajjiżi kandidati u dawk ġirien.

19. Jiddispjaċih għall-fatt li l-baġit tal-PESK għall-missjonijiet ċivili tal-PSDK żdied biss bi ftit mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2014–2020 għall-QFP 2021–2027 (minn punt ta' tluq ta' bejn wieħed u ieħor EUR 350 miljun fis-sena), filwaqt li, fl-istess ħin, l-għadd u l-kompiti tal-missjonijiet żdiedu, l-ambjent tas-sigurtà qed jiffaċċja aktar sfidi, l-operazzjonijiet saru jqumu aktar flus, l-inflazzjoni żdiedet u n-numru ta' persunal kuntrattwali żdied, u b'hekk il-potenzjal li jitwessgħu l-mandati tal-missjonijiet attwali jew possibbilment jiġu stabbiliti missjonijiet ġodda bħala reazzjoni għall-bżonnijiet urġenti ta' sigurtà huwa ristrett; jitlob għal żieda sostanzjali fil-finanzjament għall-baġit tal-PESK, filwaqt li, fl-istess ħin, jiġi żgurat l-użu effiċjenti tal-fondi allokati għall-missjonijiet ċivili tal-PSDK, sabiex jiġi żgurat li dawn jirrispondu b'mod effettiv għal sitwazzjonijiet ta' kriżi u avvenimenti mhux previsti, u biex jiġi identifikat b'mod attiv fejn proġetti u programmi komplementari jistgħu jiġu ffinanzjati minn baġits rilevanti oħra tal-UE, filwaqt li jiġu żgurati ġestjoni finanzjarja tajba u l-prijoritizzazzjoni bir-reqqa tar-riżorsi eżistenti; jitlob ukoll li tinbidel l-istruttura tal-baġit tal-PESK u li tinħoloq linja baġitarja waħda għal kull missjoni ċivili tal-PSDK, sabiex dawn jippermettu skrutinju aħjar u aktar trasparenza;

20. Jisħaq li, fid-dawl tal-isfidi ġeopolitiċi u l-kriżi madwar id-dinja li qed jiżdiedu, l-UE jeħtieġ li tkun tista' tiddependi fuq l-informazzjoni diretta meħtieġa dwar kwistjonijiet globali li jseħħu barra mill-fruntieri tagħha; jitlob, f'dan ir-rigward, li jissaħħu l-INTCEN tal-UE, iċ-Ċentru ta' Rispons għall-Kriżijiet tas-SEAE u ċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea (Satcen) billi jissaħħu l-persunal u r-riżorsi finanzjarji tagħhom, kif ukoll il-kapaċitajiet tagħhom; iqis li huwa essenzjali għall-UE li żżid l-investiment tagħha fid-diplomazija pubblika u dik kulturali u fl-isforzi ta' komunikazzjoni, b'mod partikolari qabel l-involviment attiv ta' reġimi awtoritarji u illiberali; jisħaq, għaldaqstant, fuq il-ħtieġa li jiġu allokati r-riżorsi meħtieġa għad-diviżjoni tal-Komunikazzjoni Strateġika u l-Prospettiva tas-SEAE; jenfasizza l-isforzi tas-SEAE u tal-Kummissjoni biex jiġġieldu d-diżinformazzjoni u l-indħil barrani, u jilqa' t-tħabbira tal-ħolqien tat-Task Force għall-Komunikazzjoni Strateġika u l-Ġlieda Kontra l-Manipulazzjoni tal-Informazzjoni fi ħdan id-DĠ COMM; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu żgurati riżorsi adegwati għas-SEAE u għall-Kummissjoni f'dan ir-rigward;

21. Ifakkar li, f'konformità mal-Artikolu 11.2 tat-TUE, l-istituzzjonijiet tal-UE jeħtiġilhom iżommu djalogu miftuħ, trasparenti u regolari mal-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi u mas-soċjetà ċivili; f'dan ir-rigward, jisħaq li s-suċċess għall-finanzjament strutturali huwa prerekwiżit biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni pubblika; jenfasizza li, mingħajr finanzjament strutturali, ma jkunx possibbli li ċ-ċittadini jsemmgħu leħinhom fil-livell tal-UE permezz tal-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, kif ukoll li jżommu djalogu regolari mal-istituzzjonijiet tal-UE u b'hekk jikkontribwixxu għall-parteċipazzjoni demokratika fit-tfassil tal-politika u għal djalogu miftuħ u mifrux u jiżguraw li d-diversità tal-fehmiet u t-tħassib jitqiesu b'aċċess ugwali għall-interess pubbliku meta mqabbel mal-interess kummerċjali; jisħaq li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jeżerċitaw rwol ta' monitoraġġ dwar l-implimentazzjoni tal-politiki u l-leġiżlazzjoni tal-UE, inkluż l-użu tal-fondi tal-UE, u jaġixxu bħala kontrokontrolli f'oqsma bħad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt; ifakkar fl-impenn tal-Kummissjoni fil-linji gwida politiċi tagħha li żżid l-involviment tagħha mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li għandhom għarfien espert u rwol importanti biex

jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem, inkluż f'pajjiżi terzi; f'dan il-kuntest jenfasizza li, filwaqt li l-Kummissjoni ma għandhiex tagħti mandat lill-NGOs biex isegwu ċerti attivitajiet jew biex jappoġġjaw pożizzjonijiet jew politiċi speċifiċi, jibqa' essenzjali li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, permezz tal-finanzjament tal-UE, jistgħu jibqgħu involuti fi "djalogu miftuħ, trasparenti u regolari mal-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi u mas-soċjetà ċivili", kif minqux fl-Artikolu 11 tat-TUE, permezz ta' attivitajiet bħall-attivitajiet ta' promozzjoni, dimostrazzjonijiet, jew azzjonijiet ġudizzjarji u dawn għandhom jibqgħu eliġibbli fil-programmi tal-finanzjament rilevanti u jkollhom biżżejjed finanzjament iddedikat disponibbli;

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	30.1.2025
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 52 –: 20 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Mika Aaltola, Lucia Annunziata, Petras Auštrevičius, Jordan Bardella, Dan Barna, Wouter Beke, Robert Biedroń, Ioan-Rareş Bogdan, Marc Botenga, Grzegorz Braun, Sebastião Bugalho, Danilo Della Valle, Özlem Demirel, Elio Di Rupo, Michael Gahler, Geadis Geadi, Giorgos Georgiou, Raphaël Glucksmann, Bernard Guetta, Rima Hassan, Rasa Juknevičienė, Sandra Kalniete, Łukasz Kohut, Rihards Kols, Andrey Kovatchev, Vilis Krištopans, Nathalie Loiseau, Claudiu Manda, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Sven Mikser, Francisco José Millán Mon, Arkadiusz Mularczyk, Leoluca Orlando, Kostas Papadakis, Tonino Picula, Thijs Reuten, Nacho Sánchez Amor, Andreas Schieder, Alexander Sell, Villy Søvndal, Davor Ivo Stier, Sebastiaan Stöteler, Stanislav Stoyanov, Marie-Agnes Strack-Zimmermann, Michał Szczerba, António Tânger Corrêa, Marta Temido, Cristian Terheş, Riho Terras, Hermann Tertsch, Pierre-Romain Thionnet, Sebastian Tynkkynen, Reinier Van Lanschot, Roberto Vannacci, Hilde Vautmans, Harald Vilimsky, Željana Zovko
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Jaume Asens Llodrà, Malik Azmani, Engin Eroglu, Sandra Gómez López, Evin Incir, András László, Ana Catarina Mendes, Hans Neuhoff, Nicolás Pascual de la Parte, Chloé Ridel, Tineke Strik, Şerban Dimitrie Sturdza, Ingeborg Ter Laak, Matej Tonin, Ivaylo Valchev, Isabel Wiseler-Lima
Sostituti (skont l-Artikolu 216(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Catarina Vieira

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

52	+
ECR	Rihards Kols, Arkadiusz Mularczyk, Cristian Terheş, Ivaylo Valchev
PPE	Mika Aaltola, Wouter Beke, Ioan-Rareş Bogdan, Sebastião Bugalho, Michael Gahler, Sandra Kalniete, Łukasz Kohut, Andrey Kovatchev, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Francisco José Millán Mon, Nicolás Pascual de la Parte, Davor Ivo Stier, Michał Szczerba, Ingeborg Ter Laak, Riho Terras, Matej Tonin, Isabel Wiseler-Lima, Željana Zovko
Renew	Petras Auštrevičius, Malik Azmani, Dan Barna, Engin Eroglu, Bernard Guetta, Nathalie Loiseau, Marie-Agnes Strack-Zimmermann, Hilde Vautmans
S&D	Lucia Annunziata, Robert Biedroń, Elio Di Rupo, Raphaël Glucksmann, Sandra Gómez López, Evin Incir, Claudiu Manda, Ana Catarina Mendes, Sven Mikser, Tonino Picula, Thijs Reuten, Chloé Ridel, Nacho Sánchez Amor, Andreas Schieder, Marta Temido
Verts/ALE	Jaume Asens Llodrà, Leoluca Orlando, Villy Søvndal, Tineke Strik, Reinier Van Lanschot, Catarina Vieira

20	-
ECR	Geadis Geadi
ESN	Hans Neuhoff, Alexander Sell, Stanislav Stoyanov
NI	Grzegorz Braun, Kostas Papadakis
PfE	Jordan Bardella, Vilis Krištopans, András László, Sebastiaan Stöteler, António Tânger Corrêa, Hermann Tertsch, Pierre-Romain Thionnet, Roberto Vannacci, Harald Vilimsky
The Left	Marc Botenga, Danilo Della Valle, Özlem Demirel, Giorgos Georgiou, Rima Hassan

2	0
ECR	Şerban Dimitrie Sturdza, Sebastian Tynkkynen

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni